Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,075, 27 ta' Ġunju, 2023
Taqsima B

A.L. 139 tal-2023

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ewtanasja ta' Emerġenza tal-Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(2) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli mis-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ewtanasja ta' Emerġenza tal-Annimali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Ewtanasja ta' Emerġenza tal-Annimali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 439.17.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara t-tifsira "Att" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur" tfisser id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji kif imfissra fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali;"; Kap. 439.

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, it-tifsira "ewtanasja ta' emerġenza" għandha tiġi mħassra u minnufih wara t-tifsira "Direttur", kif miżjuda, għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ewtanasja ta' emerġenza" tfisser il-qtil ta' annimali li huma mweġġa', f'uġigħ kbir jew tbatija u fejn ma hemmx possibbiltà prattika oħra sabiex jittaffa dan l-uġigħ jew din it-tbatija;"; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), frażijiet u espressjonijiet użati f'dawn

ir-regolamenti li ma jkunux imfissra hawnhekk, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.".

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolment ġdid li ġej:

"Pieni u penalitajiet amministrattivi.

6. Kwalunkwe persuna li tfixkel veterinarju uffiċjali jew veterinarju privat fit-twettiq tal-funzjoni tiegħu skont dawn ir-regolamenti għandha tinstab ħatja ta' reat u għandha teħel il-pieni u l-penalitijiet amministrattivi kif imsemmija fl-artikoli 45 u 47 tal-Att.".